**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 11 ta' April 2024**

**Kawża Numru: 21**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 66/2024 JVC**

**Anna Cauchi (KI 51264M)**

**vs**

**Adam Samake (KI 37918A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Anna Cauchi preżentat bil-proċedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' kuntratt ta' xiri datat 28 ta' April 2021 fl-atti tan-nutar Dr Tiziana Maria Refalo, ir-rikorrenti saret

proprjetarja unika tal-fond bl-indirizz Flat 1, Tower Hill Court, Triq Il Gummar, Birkirkara [Dok A];

2. Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni u kienu jghixu fid-dar taghha;

3. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet ilha li spiccat. L-intimat ma jahdimx u semplicament qieghed juza l-propjeta tar-rikorrenti bhala 'lukanda';

4. Illi l-agir tal-intimat huwa ta' detriment ghas-sahha mentali u fiziku tar-rikorrenti u dan peress li wara li ormai ghamlitha cara li tixtiequ jitlaq minn darha, il-fatt li baqa' jimponi ruhhu bil-presenza tieghu ghal dawn l-ahhar xhur hija hassitha litteralment priguniera go darha u spiccat marret tghix ghand huha;

5. Illi r-rikorrenti ippruvat tirrikorri ghall-ghajnuna ghand il-Pulizija izda huma qalulha li jekk tbiddel ic-cavetta tkun qed tikkommetti spoll u li l-izgumbrament hija kwistjoni civili;

6. Illi fis-6 ta' Dcembru 2023 ir-rikorrenti baghtet ittra lill-intimat (Dok. B) fejn talbitu formalment biex johrog mill-fond izda huwa baqa' inadempjenti;

7. Illi peress li l-intimat qed jirrisjedi fil-fond tar-rikorrenti minghajr l-ebda titolu fil-ligi u anke kontra l-volonta' taghha stess, fl-umli fehma tar-rikorrenti l-intimat m'ghandhu l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi x'jissolleva f'din il-kawza;

8. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

9. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrent titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tisma' din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghall-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimat sabiex jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil-hin li jigu moghtija a tenur tal-Artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara li l-intimat qed jghix fil-proprjeta' tar-rikorrenti ossia l-fond bl-indirizz Flat 1, Tower Hill Court, Triq Il Gummar, Birkirkara minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

4. Tordna lill-intimat sabiex jizgumbra mill-fond bl-indirizz Flat 1, Tower Hill Court, Triq Il Gummar, Birkirkara entro terminu qasir u perentorju li jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u jikkonsenja c-cavetta ta' l-istess fond lir-rikorrenti;

5. Tordna lill-intimat biex ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza u tad-digriet biex jigu mahtura kuraturi deputati u tal-eventwali mandat ta' zgumbrament jekk ikun necessarju.

6. Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.'

Rat illi l-intimat Adam Samake debitament notifikat naqas milli jattendi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2024 u fis-seduta tal-lum 9 ta' April 2024;

Rat illi llum stess l-intimat ġie dikjarat kontumaċi.

Illi fil-mertu l-Qorti semgħet ix-xhieda tar-rikorrent Anna Cauchi illi kkonfermat bil-ġurament illi l-proprjeta' Flat 1, Tower Hill Court, Triq Il-Gummar, Birkirkara hija proprjeta' tagħha u effettivament dan hu evidenzjat mill-kuntratt esebit a fol. 6 et seq tal-proċess.

Rat li permezz ta' korrispondenza esebita fol. 18 tal-proċess l-intimat ingħata sat-18 ta' Diċembru 2023 sabiex jivvaka l-proprjeta' in kwstjoni.

Semgħet lir-rikorrenti tikkonferma llum bil-ġurament illi sallum l-intimat għadu ma vvakax il-proprjeta' filwaqt li r-rikorrenti spiccat tghix ma' qraba taghha.

Illi mill-atti ma jirriżultax illi l-intimat għandu titolu validu sabiex jirrisjedi fil-fond in kwistjoni u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti sabiex huwa jiġi ordnat jiżgombra mill-istess proprjeta' huma ġustifikati.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti l-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tiddikjara t-tieni talba sorvolata;

3. Tilqa’ t-tielet talba kif dedotta;

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tordna lill-intimat sabiex jiżgombra mill-fond bl-indirizz Flat 1, Tower Hill Court, Triq il-Gummar, Birkirkara fi żmien massimu ta’ xahar mil-lum;

5. Tilqa’ l-hames talba b’dana illi din il-kawża hija a spejjeż tal-istess intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta’ April 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**11 ta’ April 2024**